# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Illum, it-Tlieta, 23 ta' Lulju, 2019**

**Mandat ta' Inibizzjoni Numru 902/19TA**

**Steven (ID 444361M) u Anita (ID 181663M) konjugi Pace**

**vs**

**Ivan Farrugia (ID 201272M) u Cristina Mihaela Farrugia (ID 100606A)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' Steven u Anita konjugi Pace tad-9 ta' Lulju 2019;

Rat id-digriet tagħha tad-9 ta' Lulju 2019;

Rat ir-risposta tal-intimati tad-19 ta' Lulju 2019;

Rat id-dokumenti u l-atti kollha tar-rikors;

Semgħet lill-abbli difensuri tal-partijiet jittrattaw ir-Rikors fis-seduta tat-22 ta' Lulju 2019;

Rat li r-rikors tħalla ghal digriet *in camera* .

**Provvediment**

F'dan l-istadju ma hux obbligu tal-Qorti li teżamina l-mertu fil-fond, għaliex dan huwa xogħol dik il-Qorti li ser tkun qed tieħu konjizzjoni tal-Kawża li saret jew għada trid ssir għaldaqshekk, jekk ikun il-każ. F'dan l-istadju, l-eżami li trid tagħmel din il-Qorti huwa wieħed biex jikkonvinċiha jekk mad-daqqa t'għajn, il-jeddijiet tas-Soċjeta' Rikorrenti jistħoqqilhomx ikunu kawtelati bil-ħrug tal-mandat. Irid jirrisultalha, li *prima facie* r-Rikorrenti għandhom jedd li jistħoqqlu jkun imħares preventivament pendenti proċeduri oħrajn.

Il-Qorti fliet b'reqqa u fil-fond il-provi mressqa mill-partijiet. Wara eżami ta' dak li ntqal u tad-dokumenti imressqa, din il-Qorti hija konvinta li r-Rikorrenti rnexxielhom jipprovaw li *prima facie* għandhom jedd x'jipproteġu fit-termini ta' dak li trid il-liġi u li jgħallmu dawn il-Qrati u li jesistu l-elementi kollha biex jinħareg mandat ta' inibizzjoni (ara **Qorti tal-Kummerc – 26 ta` Mejju 1995 fl-atti tar-Rikors għall-ħrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet "Cassar Pullicino noe vs Caruana Curran noe et" (Kollez. Vol: LXXIX.iv.1387**).

Għaldaqstant din il-Qorti fil-waqt li qed **tikkonferma** d-digriet provisorju tagħha tad-9 ta' Lulju 2019 qegħdha tipprovdi definittivament dwar it-talbiet tar-Rikorrenti billi **tilqa'** t-talbiet kollha fl-istess rikors tad-9 ta' Lulju, 2019 u tordna għalhekk il-ħrug tal-mandat ta' inibizzjoni opportun kontra l-

intimati sabiex ma jagħmlux jew jieqfu milli jagħmlu l-ħwejjeg imsemmija fl-istess rikors.

Il-Qorti qegħdha tordna li dan id-digriet jiġi notifikat lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku u lir-Reġistratur tal-Artijiet sabiex jagħmlu dak li jispetta lilhom skont il-ligi.

Spejjes ta' dawn il-proċeduri a' karigu tal-intimati.

**Moghti kameralment illum, 23 ta' Lulju, 2019.**

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**